MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 450/2006/1

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**v.**

**Frank Fenech Camilleri personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Beach Footwear Ltd u b'digriet tas-16 ta' Frar 2010 stante l-*merger* li sehh bejn Beach Footwear Ltd u FM Theatre Productions Ltd, il-gudizzju ghal Beach Footwear Ltd gie trasfuz fis-socjeta` FM Theatre Productions Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Frank Fenech Camilleri personalment tad-19 ta' Mejju 2006 li jaqra hekk:

“Illi l-esponenti gie a konoxxenza tal-Ittra Ufficjali odjerna nhar l-Erbgha 17 ta’ Mejju 2006 wara li ra n-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern.

“Illi fl-istess Ittra Ufficjali l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jinterpella lill-esponenti personalment ghall-hlas tas-somma ta’ erbatax-il elf u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm14,058.00) fil-hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1992, 1993 u 1994 skond avviz immarkat Dok A anness ma’ l-Ittra Ufficjali.

“Illi l-esponenti jiddikjara li huwa qatt ma rcieva l-avviz imsemmi u sar jaf biss b’dan fis-17 ta’ Mejju 2006 hekk kif fuq indikat.

“Illi l-esponenti qed jibbaza dan ir-rikors fuq l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kull persuna li tinhareg kontrih att esekuttiv jista’ jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att, fejn titlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-Ligi.

“Illi r-ragunijiet validi li bihom l-esponenti qed jikkontesta dan l-att esekuttiv huma:

“1. Li preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 47 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-azzjoni ghall-hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja hija preskritta skond il-Ligi.

“2. Li, minghajr pregudizzju ghall-permess u subordinament, ir-rikorrent mhuwiex personalment responsabbli ghall-hlas lura tat-taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja msemmija.

“3. Li, l-esponenti llum il-gurnata mhuwiex direttur, *manager* jew xi ufficjal tal-kumpanija Beach Footwear Ltd.

“4. Li, di piu`, l-esponenti qatt ma kellu fil-pusses jew kontroll tieghu proprjeta` tal-kumpanija Beach Footwear Ltd kif specifikat fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara ai termini tal-Artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta dan l-att esekuttiv huwa null fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jithassar ghal kollox ghar-ragunijiet validi skond il-Ligi elenkati f’dan ir-rikors.”

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tad-9 ta’ Gunju 2006 (fol. 9) li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi preliminarjament il-procedura adoperata mill-attur hija nulla u inidoneja stante li l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghal dan il-kaz, peress li l-ligi tat-taxxa, senjatament l-Artikoli 33, 35 u 37 tal-Kap. 372, tipprovdi ghal procedura specjali li taghti lit-*taxpayer* access adegwat ghall-Qrati jekk isegwi l-istadji kollha ta’ tali procedura. Peress li tali procedura ma gietx segwita mir-rikorrent, l-istimi mahruga fir-rigward ta’ Beach Footwear Ltd issa saru finali u konklussivi ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 372. Ghalhekk, sakemm ir-rikorrent ma jippruvax li huwa ma rceviex l-istimi tat-taxxa ghas-snin ta’ stima in kwistjoni, huwa ma jistax issa jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kreditu da parti tal-esponent, liema ezekuzzjoni qeghda titwettaq bis-sahha tal-poter konferit mill-Artikolu 40 tal-istess Kap. 372.

“Illi ghar-rigward tad-dikjarazzjoni tal-esponent li huwa qatt ma rcieva xi avviz ta’ stima kif imsemmi fl-Ittra Ufficjali, l-intimat jirritjeni li skond ma jirrizulta mir-*records* tad-Dipartiment, tali avviz ta’ stima gie mibghut mid-Dipartiment u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 372 tali avviz ghandu jitqies li jkun wasal ghand it-*taxpayer*.

“Illi inoltre ma tapplika ebda preskrizzjoni rigward l-ammonti mitluba ghas-snin ta’ stima 1983 sa 1989 u 1992 sa 1994, u dan ghar-ragunijiet infraskritti:

"1. Fl-ewwel lok, galadarba, l-intimat issa jgawdi titolu ezekuttiv fuq l-ammonti mitluba, ai termini tal-Artikolu 40(c) tal-Kap. 372, ma tistax issa tigi invokata l-preskrizzjoni, billi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ineffettiva kontra titolu ezekuttiv.

"2. Ghar-rigward tal-ammonti specifici li qeghdin jintalbu minghand ir-rikorrent, ghandu jinghad bla pregudizzju ghas-suepost illi:

"a. rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1983 sa l-1985 ir-rikorrent kien ghamel oggezzjoni. Wara li d-Dipartiment baghat ghalih u baqa' ma giex jaghti l-informazzjoni mehtiega, fl-2001 inhargu stimi godda bid-dritt li jista' jerga' joggezzjona. Huwa baqa' ma oggezzjonax u ghalhekk l-ammonti dovuti saru finali u konklussivi. B'hekk, lanqas il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin ai termini tal-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 ma lahaq ghadda.

"b. rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1986 sa 1988, l-istimi mahruga mid-Dipartiment gew riveduti fis-sena 2003 wara li oggezzjona t-*taxpayer* u anki appella quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali. B'hekk, lanqas il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin fuq imsemmi ma lahaq ghadda. Apparti minn dan, galadarba t-*taxpayer* stess talab u ottjena revizjoni tal-ammonti ta' taxxa originarjament mitluba, ma jistax issa jqajjem il-preskrizzjoni u jghid li m'ghandux jaghti tali ammonti!

"c. rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1989, 1992, 1993 u 1994, inharget stima fl-1997 u t-*taxpayer* baqa' ma oggezzjonax. Ghalhekk, dawn l-ammonti huma dovuti stante li jikkostitwixxu ammonti koperti b'titolu ezekuttiv.

"d. apparti minn dan, l-esponent ifakkar li permezz tal-Artikolu 47(4) tal-Kap. 372, il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghal azzjonijiet ta' gbir ta' taxxa gie estiz sal-31 ta' Dicembru 2005.

“Illi r-rikorrent huwa personalment responsabbli ghall-hlas tat-taxxa mitluba jekk jirrizulta li huwa kellu f’idejh matul iz-zmien tal-kariga tieghu flejjes tal-kumpanija Beach Footwear li huwa seta’ uza biex ihallas it-taxxa mitluba.

“Illi anke jekk ir-rikorrent illum m’huwiex direttur tal-kumpanija in kwistjoni, huwa xorta jista’ jkun responsabbli ghall-hlas ta’ taxxa tal-kumpanija.

“Illi fl-ahhar nett, jekk ir-rikorrent jirritjeni li ma kellux fil-pussess jew kontroll tieghu proprjeta` tal-kumpanija, u dan meta bhala direttur huwa kien inkarigat ukoll mill-affarijiet finanzjarji tal-kumpanija Beach Footwear, huwa ghandu jissottometti ghall-iskrutinju tal-esponent l-*accounts* tal-kumpanija msemmija ghas-snin in kwistjoni, sabiex dan il-punt ta’ *accountability* ikun jista’ jigi stabbilit.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Frar 2008, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordnat it-thassir tal-att ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 283A tal-Kap. 12; spejjez bla taxxa.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet riassunt tal-provi u wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-Qorti sejra tibda billi tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minnha fil-5 ta’ Marzu 2007, Rikors Nru. 258/05FS fl-ismijiet **Emanuel Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**. Il-Qorti kienet ikkwotat is-sub-artikoli 47(2) u (4) tal-Kap. 372 li jghidu hekk:

““(2) Salv kif xort’ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30(5) u tal-Artikolu 31(7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva.

“(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-sub-artikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-

zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru, 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-sub-artikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista' tittiehed sal-31 ta' Dicembru, 2005."

"Fl-istess kawza l-Qorti kienet irreferit ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, Imhallef Philip Sciberras, tal-10 ta' Jannar 2007, Appell Civili Numru 266/05 fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana**, liema kaz ghandu hafna konnotati simili ghall-kaz odjern. Huwa veru li dik il-Qorti qalet:

""Finalment il-Qorti trid taghmilha cara illi l-insistenza ripetuta taghha ghall-fatti tal-kaz, qeghda ssir biex titnehha l-possibilita` ta' xi ekwivoku, in bazi ghall-precitati konsiderazzjonijet, li jista' jinqala' minn min ma jkunx edott mill-impostazzjoni tal-kwistjoni singolari."

"Din il-Qorti kif presjeduta kienet qalet:

""Sewwa hafna ghamlet dik il-Qorti li dahlet taht l-aspetti tal-element ta' retroattivita` tal-ligijiet ta' natura fiskali u diversi aspetti tal-preskrizzjoni. Hawnhekk il-Qorti sejra tikkwota partijiet mill-imsemmija sentenza.

"Huwa dezumibbli minn dak li appena nghad illi r-retroattivita` ta' ligi ma tesponix ruhha awtomatikament ghac-censura tal-kostituzzjonalita` taghha. Biex dan jissucciedi jrid jirrizulta li jkunu gew vjolati precetti kostituzzjonali jew principji inerenti ghall-istat tad-Dritt. In partikulari, il-principju tar-ragonevolezza l-ghala giet dettata l-ligi u dak tal-affidament tac-cittadini, jew tal-kontribwenti fil-materji fiskali, fl-istabilita` u c-certezza tal-ordinament guridiku;

"Dan premess, ghandu jigi notat illi l-Qrati taghna ma baqghux lura milli huma wkoll jissottolinejaw certi principji in materja ta' retroattivita` ta' ligi fiskali. Minn dak ricerkat il-kwistjoni jidher li qamet fil-kawza fl-ismijiet "**Michele Muscat –v.- L-Onor. Roberto Briffa, Collettore delle Dogane**", Prim Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1919. Fiha

nghad illi di regola ligi promulgata m’ghandhiex ikollha effett hlief ghal quddiem b’mod li ma ghandhiex testendi ruhha “*ai fatti gia compiuti e consumati: La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che ‘lex non habet oculus retro*’.” Affermata din ir-regola generali ssokta jinghad f’din l-istess sentenza illi “*quantunque sia in facolta del legislatore espressamente dichiarare che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati*”;”

“Issa l-preskrizzjoni fis-sistema legali Maltija hija mezz procedurali ta’ helsien mill-azzjoni. Kawza tal-principju tal-preskrizzjoni l-attur ma jkunx jista’ aktar jottjeni r-rimedju li jixtieq permezz tal-proceduri legali. L-Artikolu 1145 tal-Kap. 16 qabel ma jelenka kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet isemmi li:

““barra mill-effetti tal-kondizzjoni rizoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni l-obbligazzjonijiet jispiccaw –”

“Fl-imsemmija sentenza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana**, dik il-Qorti ghamlet rassenja ta’ gurisprudenza relevanti u qalet:

““L-ewwel nett, ghal dik li hi proposizzjoni ta’ ligi, m’hemmx dubju li wiehed mill-objettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107(2), Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali. F’dan il-kuntest il-Qorti jidhrilha li ghandha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin:-

“(1) Fis-sentenza “**Philip Agius *nomine* –v.- Avv. Dr. Joseph A. Micallef *et nomine***”, 20 ta’ Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi “l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza tal-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-

prezent, Artikolu 1145) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni tal-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' rizerva tal-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l-Artikolu 2107) tal-Kodici jiddefinixxi *expressis verbis* il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni";

"(2) Il-kwistjoni qamet ukoll fis-sentenza "**Carmelo Agius Fernandez *et* –v.- Avukat Dr Filippo Nicolo Buttigieg**", Prim Awla, Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva … hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` tal-azzjoni, biex l-istat guridiku tal-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv tal-azzjoni";

"(3) Fis-sentenza, imbaghad, in re "**Ester Degabriele *et* –v.- Joseph Rosso**", 26 ta' Frar 1965, il-Qorti tal-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjoni dottrinali jekk il-preskrizzjoni estintiva hix biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva illi fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni";…"

"Dik il-Qorti fl-istess kawza qalet hekk:

""Dan ghaliex l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994 u kien biss wara hdax-il sena illi l-appellat indenja jibghat l-att gudizzjarju interruttiv, meta, skond is-subinciz (2) tal-Artikolu 47, l-azzjoni tieghu kienet allura gja` estinta. Minn dan dedott din il-Qorti ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz *de quo*, illi l-iskop veru ghall-introduzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) tal-Artikolu 47 ma kienx dak issuggerit mill-appellat izda, pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min, fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassigura l-hlas debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret

retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidhirx li hu ragonevoli u, wisq anqas, accettabbli. Ara a propozitu f'dan l-istess sens d-decizjoni fl-ismijiet "**A.B. –v.- Nutar Vincenzo Gatt *nomine***", Appell, 17 ta' Ottubru 1957 li, incidentalment, kienet titratta wkoll minn kwistjoni tal-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f'dak il-kaz si trattava minn talba tat-*taxpayer* ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta' dak dovut;…"
"Din il-Qorti taqbel ma' dak kollu msemmi fil-kawza tal-**Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana**. Il-principju tal-preskrizzjoni kien gie mdahhal fil-ligi minhabba li mhux sewwa li affarijiet jibqghu indeterminati ghal zmien twil. Huwa gust li wara t-trapass ta' certu zmien dipendenti mic-cirkostanzi li ghalihom huwa riferibbli l-kaz il-kwistjoni tigi maghluqa b'mod definittiv. Dan jassumi aktar importanza fejn wiehed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduci dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun ghadda l-perjodu preskrittiv il-legislatur f'oggetti ta' natura fiskali jdahhal dispozizzjonijiet retroattivi ghal fatti li rrizultaw precedentement taht kif kienet il-ligi dak iz-zmien. Kull sistema guridika ghandha jkollha c-certezza tal-principji legali u r-retroattivita` hija element eccezzjonali. Ara f'dan ir-rigward **Kolpinghuis Nijmegen B.V.** (Kaz Nru. 80/86) deciza mill-Qorti Ewropeja fit-8 ta' Ottubru 1987 (paragrafu 13).

"Kien ghalhekk li fil-kaz ta' Caruana l-Qorti kkonkludiet:

""F'dan il-kumpless kollu tal-principji affermati tad-dritt u wkoll fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti din il-Qorti tara li f' dan il-kaz partikolari, u l-Qorti taghmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabilita` d-dispost tas-subinciz (4) tal-Artikolu 47 izda pjuttost dak tas-subinciz (2) tal-istess artikolu. Ghalkemm certament il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta dipartimenti kbar, bhal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jahdem b'mod imghaggel, min-naha l-ohra hi tal-ferma konvinzjoni illi fi stat ta' dritt l-legislazzjoni ma ghandhiex issir biex, temporanjament, tkopri d-deficjenzi li jkunu jezistu u biex, bhal f'dan il-kaz, tinnewtralizza "*quanto fosse posto in*

*essere a norma di legge*” (**Kollez. Vol. XXIV P II p 16**), daqskemm biex tittutela ahjar ir-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rrizultalha, ma jistax ragonevolment zgur jinghad illi l-aggunta fil-ligi bl-Att II tal-2004 hi, f’dan il-kaz, predisposta u voluta fl-interess tal-appellanti *taxpayer* imma ghall harsien rigidu u esklussiv tal-fisco. Hu l-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti riferibilment f’dan il-kaz;…”

“L-imsemmi Artikolu 47(2) jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas ta’ taxxa ecc. tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data…

“Issa l-Kummissarju tat-Taxxi Interni interpella ghall-hlas fit-23 ta’ Frar 2005 permezz ta’ Ittra Ufficjali lil Frank Fenech Camilleri personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Beach Footwear Ltd izda n-notifika saret permess ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern li giet pubblikata fit-12 ta’ Mejju 2006. L-interpellazzjoni saret ghas-somma ta’ Lm14,058 dovuti ghall-hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1992, 1993 u 1994.

“Frank Fenech sostna li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellu l-indirizz personali tieghu fejn kien qed jghix fl-epoka u dan ghax gieli kkomunika mieghu fl-istess indirizz izda anqas biss ghamel tentattiv. Semma li l-ammont dovut minkejja li fl-avviz issir referenza ghall-prospett anness ma giex pubblikat. Infatti meta wiehed ihares lejn fol. 20 u 21 tal-process jissemma d-dokument A izda ma hemm ebda prospett pubblikat. Iddikjara li hu ma kellux jaghti din it-taxxa mitluba mill-Kummissarju u li kienet l-ewwel darba li hu personalment gie mitlub ihallas it-taxxa ghall-kumpanija. Sostna li ghaddew aktar minn 13-il sena mill-ahhar sena li ghaliha qed jintalab ammont ta’ taxxa u aktar minn 24 sena mill-ewwel sena.

“Minn ezami tal-prospett jidher li s-snin tal-*assessments* huma mill-1983 sal-1994. Fil-fatt jidher li ghaddew aktar minn 11-il sena mis-sena ta’ stima tal-1994 ghad-data tan-

notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a fol. 4666 datat 8 ta' Mejju 2006 u pubblikat fil-harga tat-12 ta' Mejju 2006."

Rat ir-rikors tal-appell tas-7 ta' Marzu 2008 tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"......thassar u tannulla s-sentenza appellata u, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li m'ghandhiex thassar u tannulla s-sentenza appellata thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti Civili Prim Awla fuq imsemmija tad-19 ta' Frar 2008 fl-ismijiet premessi u f'kull kaz tiddeciedi minflok illi tirrinvija l-atti tal-kawza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Istanza sabiex dik il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u tiddecidiha skond il-ligi u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Rat ir-risposta (in data 26 ta' Marzu 2008) ta' Frank Fenech [recte: Fenech Camilleri] personalment li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottometta li s-sentenza hija legalment korretta u fattwalment gusta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidrat:

B'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jikkontestaw il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta' arretrati ta' taxxa fuq id-dhul ammontanti ghal erbatax-il elf u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm14,058) ghas-snin ta' stima 1983 sa 1989, u s-snin 1992, 1993 u 1994, liema somma l-istess Kummissarju esiga b'Ittra Ufficjali tat-23 ta' Frar 2005 (fol. 29), indirizzata lill-kumpanija Beach Footwear Ltd u lill-Frank Fenech Camilleri, ukoll personalment bhala l-persuna li kienet tokkupa posizzjoni ta' direttur fl-imsemmija kumpanija. Frank Fenech Camilleri qed jikkontesta dik il-pretensjoni peress li qed

jallega li t-talba ghal hlas ta’ taxxa hija, fl-ewwel lok, preskritta, u l-ewwel Qorti, bis-sentenza taghha, laqghet dan l-ewwel ilment u per konsegwenza ddikjarat null it-titolu ezekuttiv li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jallega li akkwista bil-prezentata u notifika tal-imsemmija Ittra Ufficjali.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni appella mis-sentenza u irrefera ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 47(2)(3) u (4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxi (Kap. 372) biex isostni l-argumenti tieghu li t-talba li ghamel ghall-hlas tat-taxxa mhix preskritta.

Dawn is-sub-artikoli jipprovdu kif gej:

“(2) Salv kif xort’ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 30 u tas-sub-artikolu (7) tal-Artikolu 31 ta’ dan l-Att, l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista’ tinbeda matul kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva.

“(3) Iz-zmien imsemmi fis-sub-artikolu (2) jitwaqqaf b’talba ghal hlas notifikata permezz tal-posta registrata mill-Kummissarju jew b’att gudizzjarju prezentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iz-zmien li fihom jintalab il-hlas tal-ammont dovut.

“(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-sub-artikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ dawk is-sub-artikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru 2005.”

Il-posizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija li, anke jekk wiehed iwarrab l-estensjoni tat-terminu kontemplat fis-sub-artikolu (4), l-azzjoni ghall-hlas mhix preskritta

stante li z-zmien imsemmi fis-sub-artikolu (2) twaqqaf b'att gudizzjarju prezentat qabel ma skada z-zmien li fih seta' jintalab il-hlas tal-ammont dovut.

Fil-qosor u mix-xhieda ta' Ludgardo Mercieca, Ufficjal Amministrattiv fit-Taqsima tal-Gbir tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jidher li l-pretensjoni ta' dan tal-ahhar tirrizulta hekk: (1) rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1983 sa l-1985 ir-rikorrent kien ghamel oggezzjoni; wara li d-Dipartiment baghat ghalih u baqa' ma giex jaghti l-informazzjoni mehtiega, fl-2001 inhargu stimi godda bid-dritt li jista' jerga' joggezzjona. Huwa baqa' ma oggezzjonax u ghalhekk l-ammonti dovuti saru finali u konklussivi; b'hekk, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin *ai termini* tal-Artikolu 47 (2) tal-Kap. 372 ma lahaqx ghadda; (2) rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1986 sa l-1988, l-istimi mahruga mid-Dipartiment gew riveduti fis-sena 2003 wara li oggezzjona t-*tax payer* u anki appella quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali. B'hekk, lanqas il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmien snin fuq imsemmi ma lahaq ghadda. Apparti minn dan, galadarba t-*tax payer* stess talab u ottjena revizjoni tal-ammonti ta' taxxa originarjament mitluba, ma jistax issa jqajjem il-preskrizzjoni u jghid li m'ghandux jaghti tali ammonti. Rigward l-ammonti ghas-snin ta' stima 1989, 1992, 1993 u l-1994, inharget stima fis-16 ta' Mejju 1997 u t-*tax payer* baqa' ma oggezzjonax. Fit-23 ta' Frar 2005 id-Dipartiment ipprezenta Ittra Ufficjali kontra Frank Fenech Camilleri personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Beach Footwear Ltd, liema ittra tat bidu ghall-proceduri odjerni. Billi ma lahqux ghaddew tmien snin minn mindu inhargu l-istimi ghas-snin ta' stima imsemmija fl-ittra, lanqas ma tapplika l-preskrizzjoni rigward il-procedura ta' infurzar adottatta mid-Dipartiment.

Din il-Qorti tosserva li l-principju ghandu jkun li t-taxxa ghandha tintalab fi zmien ragjonevoli, liema zmien gie` stabbilit bil-ligi ghal tmien snin. Dan it-terminu jibda jghaddi minn meta t-taxxa ssir dovuta (jigifieri wara li tghaddi s-sena ta' stima relattiva) jew, meta tkun saret stima ghar-rigward, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva. Din il-Qorti, fil-kawza **Zammit v.**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fid-29 ta' Mejju 2009, kienet osservat li mhix skuza ghad-dewmien fil-hrug tal-istimi l-fatt li t-*tax payer* iressaq l-prospetti relattivi tard. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:
*"Il-fatt li tax payer ma jressaqx il-prospett tieghu, ma jfissirx li l-Kummissarju hu ezenti milli johrog stima, jew li hu jista' joqghod jistenna sakemm it-tax payer jikkomforma ruhu mal-ligi. Il-Kummissarju ghandu l-poter li johrog stima meta jqis li t-tax payer hu dovut li jhallas taxxa, u l-limitu ta' tmien snin hu precizament mahsub biex jaghti zmien bizzejjed lill-Kummissarju johrog best of judgment assessment jekk jara li t-tax payer in kwistjoni jkun naqas milli jipprezenta l-prospett kif trid il-ligi. L-Avukat* ***Robert Attard****, fil-ktieb tieghu "An Introduction to Income Tax Theory" (Ediz 2005) jghid, f'pagna 265 li,*

*""The Commissioner's right to raise assessments is generally subject to time-bars. The general rule is that an assessment made in terms of Article 30...may be raised within eight years <u>after the relative year of assessment</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti)."*

F'dan il-kaz, pero`, gew sottomessi l-prospetti relattivi u hargu stimi. Mar-rikors tal-appell, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezenta prospett li jigbor fih id-dati relevanti ghal kaz, informazzjoni li, *del resto* tohrog ukoll mill-provi, ghalkemm mhux b'dan id-dettal. Peress li appellant jista' jipproduci dokumenti godda fi stadju ta' appell, din il-Qorti tara li ghandha tqis l-informazzjoni li tohrog minn dan id-dokument, anke peress li taghti informazzjoni aktar preciza tal-fatti li johorgu mill-provi. Din il-Qorti qed tirriproduci parti minn dan il-prospett fejn hemm indikat id-

| | | **Stima** | **Stima Finali u Konklussiva** | **8 snin ghall-hrug** |
|---|---|---|---|---|

dati ta' dak li sehh fil-kuntest tas-snin in kontestazzjoni:

| Sena Stima | | Data | Meta wasal il-Prospett ghand id-Dipartiment | Ex Officio Assessment | Objection | Data | Ammont | tal-istima taht l-Artikolu 30(4) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 1983 | 28.01.86 | 25.10.83 | 28.01.86 | 25.03.86 | 18.09.2001 Fresh Original | Lm1561 | 1986-1983 = 3 snin |
| 2 | 1984 | 14.04.86 | 01.06.84 | 14.04.86 | 22.05.86 | 18.09.2001 Fresh Original | Lm4191 | 1986-1984 = 2 sentejn |
| 3 | 1985 | 14.04.86 | 05.05.85 | 14.04.86 | 22.05.86 | 18.09.2001 Fresh Original | Lm3832 | 1986-1985 = 1 sena |
| 4 | 1986 | 04.06.90 | 24.03.86 | 04.06.90 | 09.10.90 | 09.09.2003 Rivedut | Lm822 | 1990-1986 = 4 snin |
| 5 | 1987 | 04.06.90 | 20.11.87 | 04.06.90 | 09.10.90 | 09.09.2003 Rivedut | Lm1310 | 1990-1987 = 3 snin |
| 6 | 1988 | 04.06.90 | 10.11.88 | 04.06.90 | 09.10.90 | 09.09.2003 Rivedut | Lm1178 | 1990-1988 =2 sentejn |
| 7 | 1989 | 16.05.97 | 11.04.99 | 16.05.97 | No objection | 16.05.97 | Lm543 | 1997-1989 = 8 snin |
| 8 | 1992 | 16.05.97 | Not traced | 16.05.97 | No objection | 16.05.97 | Lm459 | 1997-1992 = 5 snin |
| 9 | 1993 | 16.05.97 | 24.11.93 | 16.05.97 | No objection | 16.05.97 | Lm397 | 1997-1993 = 4 snin |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 0 | 199 4 | | 16.0 5.97 | 05.07. 94 | 16.05. 97 | No objecti on | 16.05.9 7 | Lm4 31 | 1997- 1994 = 3 snin |

F'kull kaz, dawn l-istimi gew allegatament rezi ezekuttivi bl-Ittra Ufficjali tat-23 ta' Frar 2005.

Minn din l-informazzjoni johrog li, f'kull kaz, gieipprezentat prospett mit-*tax payer* ghal kull sena ta' stima, ghalkemm mhux dejjem tempestivament. Ghas-snin 1983 sa 1988, l-istimi da parti tal-Kummissarju intimat hargu entro t-tmien snin koncess bil-ligi, izda, f'kull kaz, it-*tax payer* ressaq oggezzjoni ghall-istimi fit-terminu u kif trid il-ligi. Fil-kaz tal-ahhar tliet snin indikati, it-*tax payer* kien anke ressaq l-ilmenti tieghu ghal quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali ghal fini tat-Taxxa fuq id-Dhul. Eventwalment, hargu stimi godda/riveduti, ghall-ewwel tliet snin fit-18 ta' Settembru 2001 u ghat-tliet snin l-ohra fid-9 ta' Settembru 2003. Huma dawn l-istimi li, skond l-intimat, ghandhom jitqiesu, ghalhekk, "finali u konklussivi".

Ir-rikorrent jilmenta li jekk jigi hekk argumentat, ikun ifisser li l-pendenzi jistghu jitwalu ghal snin twal, ghax fil-ligi ma hemmx terminu meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista' johrog stimi godda/riveduti wara oggezzjoni u/jew kontestazzjoni tal-istima originali. Huma jaghmlu riferenza ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kaz kwotat ta' **Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciz fil-5 ta' Marzu 2007, fis-sens illi:

*"......il-fatt li hargu stimi riveduti tant snin wara minhabba l-oggezzjoni li kien ghamel it-tax payer ma jintitolax lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jigi minghajr limitu fil-ligi ghall-ammont ta' zmien li jista' jiehu biex johrog kont rivedut. Li kieku wiehed jinterpreta bil-mod kif qed jippretendi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li m'hemmx limitu ta' zmien biex oggezzjoni tigi processata konna naslu fi stat li l-Kummissarju jista' jdum mitt sena u xorta wahda ma tidderkorrix il-preskrizzjoni. It-terminu ta' tmien snin huwa fatali fih trid tkun saret it-talba permezz tal-Ittra Ufficjali ghax altrimenti t-tax payer ikun intitolat li jissolleva l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni."*

Din il-Qorti tghid li din il-parti tad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ma gietx abbraccjata minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2009, u ghalkemm dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili jista' jkun minnu, il-ligi ma timponix terminu, u sakemm iz-zmien li jittiehed ghal decizjoni fuq oggezzjoni ma jigix dikjarat li hu irragonevoli, ma jistax jinghad li t-terminu ta' preskrizzjoni jibqa' ghaddej nonostante l-oggezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tat-*tax payer*, cirkustanzi li, fihom infushom, iwaqqfu l-ezegwibilita` tal-ordni tal-hlas tat-taxxa. Wiehed ma jistax jippretendi li, waqt li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni jkun qed jikkunsidra oggezzjoni tat-*tax payer*, fl-istess hin, jibghat Ittra Ufficjali biex jinsisti ghal hlas tat-taxxa skond l-istima originali! Aktar u aktar, id-dipartiment mhux mistenni li hekk jagixxi meta t-*tax payer* ikun ezercita d-dritt tieghu u ressaq l-ilmenti tieghu ghall-konsiderazzjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali. Hu ghalhekk li l-ligi trid li, meta tinhareg stima, it-terminu ta' tmien snin jibda jidekorri minn meta l-istimi jsiru finali u konklussivi.

Din il-Qorti, pero`, mhux qed tghid li, allura, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista' jdum kemm irid biex johrog stimi godda/riveduti. Din il-Qorti esponiet dan il-principju bl-osservazzjoni li z-zmien m'ghandux ikun "irragonevoli". F'dan il-kaz jirrizulta li ghall-oggezzjonijiet li saru fl-1986, inharget stima gdida fl-2001 (15-il sena wara!), u ghal dawk li saru fl-1990 inhargu stimi riveduti fl-2003 (13-il sena wara!). L-intimat jghid li ghal dawn l-ahhar tliet snin, it-*tax payer* anke appella quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, liema proceduri gew determinati bi ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-24 ta' April 2003.

Din il-Qorti tara li meta ssir stima u ssir oggezzjoni, dik l-oggezzjoni ghandha sservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni, b'mod li d-dipartiment ikollu tmien snin, mid-data tal-oggezzjoni, biex jikkunsidraha, jiddeciedi fuq x'posizzjoni se jiehu, u johrog stima gdida/riveduta. Jekk il-kaz jitressaq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, it-terminu jkun sospiz tul iz-zmien li kaz ikun qed jinstema' quddiem dak il-Bord u l-Qorti tal-Appell jekk ikun il-kaz. B'dan il-mod tkun qed issir gustizzja mat-*tax payer* u jigi

rispettat fl-ispirtu tieghu s-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 47 aktar qabel imsemmi.

Fil-kuntest tas-snin 1983 sa l-1985 jirrizulta, ghalhekk, li avvolja t-terminu preskrittiv kien, f'xi zmien, gie interrott bil-prezentata ta' oggezzjoni da parti tat-*tax payer*, iz-zmien rega' beda jiddekorri u ghalaq tmien snin wara l-oggezzjoni. F'dan il-kaz, l-istima 'l gdida inharget, kif inghad, 15-il sena wara l-oggezzjoni. It-talba ghall-hlas ta' dawn is-snin ghandha ghalhekk titqies preskritta. Din il-Qorti mhux se tidhol fil-kwistjoni tal-"estensjoni" introdott bis-sub-artikolu (4) ghax tqis dak is-sub-artikolu mhux meritu ta' applikazzjoni kif osservat din il-Qorti fil-kawza imsemmija ta' **Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**.

Ghar-rigward is-snin 1986 sa l-1988, jirrizulta li r-rikorrent ressaq oggezzjoni ghall-istimi mahruga, u anke ressaq il-kaz tieghu ghall-quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, liema procedura giet determinata wara ftehim milhuq fl-24 ta' April 2003 (ara xhieda ta' Ludgardo Mercieca). A bazi ta' dan il-ftehim, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg stimi riveduti fid-9 ta' Settembru 2003. Peress li l-hlas baqa' ma sarx, l-istess Kummissarju hareg Ittra Ufficjali interpellatorja fit-23 ta' Frar 2005. Kwindi, ma jistax jinghad li t-talba relattiva ghal dawn is-snin hi preskritta. Il-punt tan-notifika o meno ta' din l-Ittra Ufficjali se jigi dikuss aktar 'il quddiem.

Ghar-rigward it-taxxa dovuta ghas-snin ta' stima 1989 u l-1992 sa l-1994, l-istima relattiva, f'kull kaz, harget fis-16 ta' Mejju 1997, entro t-tmien snin li trid il-ligi. Kontra dawn l-istimi ma sarux oggezzjonijiet mir-rikorrenti, u, kwindi, il-Kummissarju seta' jagixxi fil-konfront taghhom fi zmien tmien snin mill-hrug taghhom. Huwa jghid li hekk ghamel bil-hrug tal-Ittra Ufficjali tat-23 ta' Frar 2005, li nharget fil-fatt xahrejn qabel ma ghalaq dan it-terminu.

Hawn irid, issa, jigi ezaminat l-effett ta' din l-Ittra Ufficjali li jidher li giet notifikata fit-12 ta' Mejju 2006, wara li saret procedura ta' notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni skond 187(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-intimat appellant jghid li d-data tan-notifika hija

mmaterjali, ghax l-Artikolu 47(3) imsemmi jghid li z-zmien ta' preskrizzjoni "jitwaqqaf" bil-prezentata ta' att gudizzjarju qabel ma jiskadi dak iz-zmien li fihom jintalab il-hlas tal-ammont dovut.

Din il-Qorti tara li, hawn, l-intimat ghandu ragun. Fl-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili, jinghad, b'mod generali, li l-preskrizzjoni tigi interrotta b'att gudizzarju "prezentat" mill-kreditur, u "innotifikat" lill-parti l-ohra. F'dan il-kaz, ma gietx uzata l-istess dicitura. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili li, ghat-twettiq ta' obbligazzjoni naxxenti minn konvenju, tesigi l-prezentata ta' att gudizzjarju qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli. Dak l-artikolu ma jghid xejn dwar notifika, u l-qrati taghna irritenew aktar minn darba li dak li tesigi l-ligi hija l-prezentata tal-att gudizzjarju, mhux in-notifika tieghu (ara fost ohrajn, **Schembri et v. Prince Properties Ltd**, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' April 2005). Kwindi, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fejn din qieset li anke t-taxxa ghal dawn is-snin hija preskritta peress li "ghaddew aktar minn 11-il sena mis-sena ta' stima tal-1994 ghad-data tan-notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern". In-notifika hi relevanti biss fir-rigward tal-ewwel metodu – cioe` talba ghall-hlas notifikata bil-posta registrata – izda mhux ukoll ghat-tieni metodu (li gie uzat fil-kaz in dizamina) ta' prezentata ta' att gudizzjarju.

Ir-rikorrenti jaghmlu riferenza ghall-Artikolu 44(1)(b) tal-fuq imsemmi Kap. 372, li jiddisponi li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista' jipprocedi ghall-infurzar tal-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv wara jumejn min-notifika lid-debitur tal-att gudizzjarju, u dan biex, skond huma, juru l-htiega tan-notifika. Iz-zewg provvedimenti tal-ligi, ghandhom, pero`, skop differenti. L-Artikolu 47(3) jitlob l-prezentata ta' Ittra Ufficjali ghal fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, filwaqt li l-Artikolu 44(1)(b) jesigi l-prezentata u n-notifika tal-Ittra Ufficjali qabel ma din tkun tista' sservi bhala titolu ezekuttiv. Altru l-prezentata tal-Ittra Ufficjali biex tinterrompi l-preskrizzjoni, u altru n-notifika tal-istess biex a bazi taghha jkunu jistghu jinhargu l-mandati ezekuttivi kontra d-debitur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni billi tilqa' l-istess in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn laqghet il-kontestazzjoni ta' preskrizzjoni relattiva ghas-snin ta' stima 1983 – 1985, izda tirrevokaha fejn laqghet din l-istess kontestazzjoni fil-konfront tas-snin ta' stima 1986 sa 1988, 1989, 1992 sa 1994 u tghaddi biex tichad din l-ewwel kontestazzjoni in kwantu tirreferi ghas-snin ta' stima 1986,1987,1988,1989,1992,1993 u 1994, u peress li r-rikorrent appellat ressaq kontestazzjonijiet ohra ghat-talba tal-intimat ghall-hlas li ma gewx decizi, tirrinvija l-atti ghall-quddiem l-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeciedi l-kaz in kwantu jirreferi ghas-snin ta' stima 1986, 1987, 1988, 1989, 1992, 1993 u 1994.

L-ispejjez tal-kawza inkorsi sa issa, inkluzi dawk marbuta mas-sentenza in prim istanza, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------